MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 1302/2002

**Lloyds (Malta) Limited, bhala rappresentant "ex lege" ta' J R N Collyear, membru ta' Lloyds li jifforma s-"syndicate" estera li ggib in-numru 1243 u jopera taht l-isem Euclidian Underwriting Ltd. u Millennium Insurance Agency Limited bhala rappresentant lokali tal-istess "syndicate" estera Euclidian Underwriting Ltd. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michelle Zammi esercenti l-kummerc bl-isem "Electron Computers".**

**-vs-**

**O.F. Gollcher & Sons Limited, bhala agenti tas-socjeta' estera Alitalia S.p.A.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Novembru, 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-assikurat tal-atturi importat carton minn Hong Kong b'taghmir tal-computers konsistenti minn tliet mija sitta u erbghin (346) bicca (CPUS u memory modules) li kellha tigi trasportata minn Hong Kong lejn Malta b'waqfa fl-Italja mis-socjeta' konvenuta noe (Dok. A sa Dok. C);

Illi l-merkanzija kienet trasportata minn Hong Kong lejn l-Italja permezz ta' titjira tas-socjeta' konvenuta noe Nru. AZ779 tal-10 ta' Ottubru 2001;

Illi l-istess merkanzija kellha tkun trasportata lejn Malta permezz ta' titjira tas-socjeta' konvenuta noe Nru. AZ886 tat-12 ta' Ottubru 2001;

Illi l-importatur kien avzat li l-merkanzija ma waslitx Malta u baqa' ma hax konsenja tal-istess merkanzija;

Illi l-merkanzija importata kellha kopertura assikurativa mal-atturi, u dawn, kif obbligati, ghan-nuqqas li garrab l-importatur, assikurat taghhom, hallsu s-somma ta' ghaxart elef mija tnejn u ghoxrin lira tliet centezmi (Lm10,122.03c) u ghalhekk kienu surrogati fid-drittijiet tieghu (Dok. D);

Illi ghan-nuqqas fuq riferit hija responsabbli s-socjeta' konvenuta noe;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tiddikjaraha noe responsabbli ghan-nuqqas fuq imsemmi; u

2. tikkundannaha noe sabiex thallas lill-attur s-somma ta' ghaxart elef mija tnejn u ghoxrin lira tliet centezmi

(Lm10,122.03c) in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lill-atturi bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta noe li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta O.F. Gollcher & Sons Limited ipprezentata fit-30 ta' Jannar, 2003 li permezz taghha eccepiet;

1. Illi t-talbiet attrici, in kwantu huma diretti kontra l-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante illi ma kienux traskurati u jew negligenti fl-esercizzju tal-professjoni taghhom.

2. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, fl-eventwalita' li din il-Qorti issib li is-socjeta esponenti hija responsabbli verso l-atturi ghan-nuqqas imsemmi, tali responsabilita hija limitata ai termini tal-artiklu 22(a) tal-Warsaw Convention.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa Michael Chetcuti Bonavita, I.D. 178048(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Novembru, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza u dak tat-23 ta' Jannar, 2006 li permezz tieghu giet sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza u l-kawza thalliet ghal darb'ohra ghas-sentenza.

Rat l-atti processwali kollha.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi qabel ma tittratta l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta l-Qorti se tesamina d-deposizzjonijet tax-xhieda prodotti bil-ghan illi tinghata stampa cara ta' dak li gara u ta' lok ghall-kawza.

Fis-seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003 xehed Joseph Mallia li huwa ufficjal tas-socjeta' assikuratirici Millenium illi kkonferma li l-istess socjeta' assikurat lis-socjeta' Electron Computers ghall-oggetti in kwistjoni u wara illi kkonfermaw li dawn ma kinux waslu mat-titjira msemmija fic-citazzjoni hallsuhom is-somma wkoll imsemmija. L-*excess* tal-polza kien hamsin Lira Maltin (Lm50). Xehdet ukoll Michelle Zammit li kienet esercenti l-kummerc f'isem Electron Computer li kkonfermat li l-merkanzija ma waslitx u li s-socjeta' assikuratrici kienet hallsitha. Paul Ellul li huwa *surveyor* kien gie nkarigat mil-atturi biex jinvestiga n-nuqqas tal-merkanzija.

Fis-seduta tat-23 ta' April, 2004 xehed Duncan Micallef li hu rappresentant tas-socjeta' konvenuta u li jiehu hsieb il-*cargo* li jigi ma' l-Alitalia. Ikkonferma l-*air way bill* ossija d-dokument markat DM1 u li skond dan id-dokument ix-xoghol tghabba minn Hong Kong via Ruma ghal Malta u meta wasal gie nnotat li kien *not received on board.* (fol 50).

Fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 2004 xehed Saviour Mallia, ufficjal tal-*cargo* tal-Air Malta illi qal li l-kaxxi in kwistjoni ma waslulhomx. L-Air Malta kienet il-*handler* tal-merkanzija meta din kellha tasal Mala. Qal ukoll li fuq l-ajruplan ikun hemm rappresentenat tal-Alitalia fir-rigward. Meta jitnizzlu minn fuq l-ajruplan ma jigux annotati. Il-Manifest indika li l-oggetti ma waslux, infatti dan jghid li NRB – *Not received in bond.*

Rega’ xehed Duncan Micallef u dan esebixxa l-*cargo manifest*

u skond dan il-manifest, il-*cargo* suppost telaq minn Ruma. Imbaghad fis-seduta tat-23 ta’ Frar, 2005 xehed Vincent Deobono, *manager terminal Services* tal-*cargo* mal-Air Malta li qal li skond il-*ground handling agreement* bejn l-istess Air Malta u l-*carriers* bhall-Alitalia din tal-ahhar tibqa’ resposabbli sakemm il-klijent jiehu l-merkanzija minghandhom. Ix-xhud spjega tajjeb kif isir ix-xoghol a fol 144 meta qal; “*kif jidhol l-ajruplan, jinfethu l-holds u Air Malta, in nies taghna jibdew ihottu l-holds bagalji, merkanzija u kollox. Minn hemmhekk jigi trasferit ghall-imhazen taghna, ahna naghmlu t-tallying mal-manifest. Navzaw lill-Alitalia jekk ikun hemm xi affarijiet li mhux normali, inzommuhom sotjati ghandna sakemm il-klijent jigi ghalihom. Dan kollu huwa responsabilita’ taghna, biss jekk in the meantime jinqala’ xi haga, skond l-agreement li ppresentajnilkom l-Alitalia tibqa’ liable hi dejjem, sakemm ma tipprovax illi l-hsara, serq u dan saru fullu minn naha taghna.*”

L-EWWEL ECCEZZJONI

L-ewwel eccezjoni hija fis-sens li trid issir prova ta’ negligenza jew xi nuqqas da parti tas-socjeta’ konvenuta. FIl-fatt kif sewwa rrimarkat is-socjeta’ attrici fin-nota tal-osservazzjonijet taghha, permezz ta’ din l-eccezzjoni, is-socjeta’ konvenuta qed tghid li minhabba li mill-mument tal-wasla tal-ajruplan sa meta gie riskontrat in-nuqqas tal-oggetti hemm involut ir-trasport taghhom sal-*warehouse*, jista’ jaghti l-kaz li dawn effetivament naqsu f’dak it-trapass taz-zmien.

Il-Qorti ma thossx illi din l-eccezzjoni hija sostnuta mill-provi. Fil-fehma tal-Qorti ma hemmx dubbju li l-oggetti ma waslux Malta u kien jinkombi fuq l-istess socjeta’

konvenuta biex taghmel il-prova biex tirribatti l-provi li ngiebu f'dan is-sens. Bizzejjed wiehed isemmi l-manifest li ghandu valur probatorju u li bl-ebda mod ma gie kontestat. Lanqas ma s-socjeta'

konvenuta ressqet provi li jindikaw li sar xi sforz da parti taghha biex issib il-merkanzija nieqsa jew tipprova tara x'sar minnha. Ghalhekk l-eccezzjoni qed tigi michuda.

IT-TIENI ECCEZZJONI

It-tieni eccezzjoni hija fis-sens li s-socjeta' konvenuta m'hijex tenuta thallas iktar mill-ammont kontemplat fil-konvenzjoni ta' Warsaw. Il-partijiet jaqblu illi l-konvenzjoni tghid li din il-limitazzjoni ma tapplikax fejn il-vettural ikun responsabbli ta' *wilful misconduct.*

Huwa car illi dan il-kuncett ma jezistix fl-ordinament guridiku taghna. Il-Qrati Inglizi qalu li dan jeccedi n-negligenza anke l'hekk imsejjha *gross negligence*. Huwa car illi trid issir prova li l-konvenut kien hati ta' nuqqas volontarju. Madankollu l-Qorti thoss li f'certi sitwazzjonijiet l-affarijiet jitkellmu wahedhom – *res ipsa loquitur.* Ladarba saret il-prova li l-oggetti ma waslux Malta u ma hemmx dubbju li kienu telqu ghad-destinazzjoni taghhom, il-konvenuti ma jistghux jistriehu fuq xi *casus* u jaharbu mir-responsabilita'. Bil-fors li kien hemm nuqqas serju ghax hawn mhux si tratta ta' xi oggett dannegjat izda ta' kaxxa merkanzija li ma waslitx u allura zgur kien hemm nuqqas ta' xi att li kellu jsir u ma sarx da parti taghhom – anke jekk wiehed japplika il-parametri tas-sentenza Ingliza fil-kawza Thomas Cook vs Air Malta u cioe'; "*a person willfully misconducts himself if he knows and appreciates that it is misconduct on his part in the circumstances to do or fail or omits to do something and yet intentionally does or fails or omits to do it.*"

Din il-Qorti ghamlet l-istess ragunament fil-kawza Lloyds vs Air Malta deciza fit-30 ta' Jannar, 2006.

Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

DECIZJONI

**Il-Qorti ghalhekk til-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjes ikunu a kariku tas-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------